MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2014

Numru 475/2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 543478m akkuzat talli fit-23 ta' Dicembru 2011 gewwa Triq l-Assedju l-Kbir il-Belt Valletta ghal habta tal-21.00 ta' filghaxija:

1. waqt li kien qed isuq jew kien fil-kontroll ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni ROM609 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjobni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti,ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Vincent Mifsud kif certifikat mit-tabiba Justine Bugeja mill-isptar Mater Dei;
2. kien qed isuq jew fil-kontroll ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni ROM 609, b'nuqqas ta' hsieb jew traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fil-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Sandra Margaret Borg kif iccertifikata mit-tabib Claude Julien Bajada mill-isptar Mater Dei;
3. kien qed isuq jew fil-kontroll ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni ROM 609, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Kersten Jason Bugeja kif iccertifika t-tabib Christan Zammit mill-isptar Mater Dei;
4. saq, ipprova isuq jew kien fil-kontroll ta' 'motor–car' li kienet fit-triq jew f'post pubbliku oehor wara li kien ikkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' kundanna tiskwalifika lill-imputat, sew bhala awtur jew komplici, milli jzomm jew jikseb xi warrant, licenzja, permess jew aotorita' ohra mahruga mill-Gvern jew xi awtorita' pubblika ohra – skond l-Artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Dawn il-proceduri kontra l-imputat ittiehdu konsegwenza ta' kollizjoni fid-data, lok u hin li fiha kemm il-passiggieri li kienu fil-vettura flimkien mal-imputat, li kien qieghed isuq, u s-sewwieq tal- vettura l-ohra, sofrew griehi ta' natura gravi minbarra certu Kersten Jason Bugeja, li kien passiggier fuq wara l-vettura misjuqa mill-imputat, li sofra griehi hfief. L-akkuzi kontra l-imputat ma jimputalhux sewqan negligenti u/jew perikoluz 'per se' izda li ikkaguna griehi involontarji fuq terzi u mhux wkoll li ikkaguna hsara involontarja lill-vettura tat-terz. Akkuzat ukoll li kien qieghed isuq taht l-effetti ta' xorb.

Intant, mill-provi jirrisulta wisq car li l-kollizjoni mal-vettura gejja fid-direzzjoni opposta sehhet ghal kollox fuq in-naha tat-triq li fiha kienet qed titransita din l-ahhar vettura prorju fuq il-parti tal-liewa li hemm fi triq l-Assedju il-Kbir fil-periferija tal-Belt Valletta. L-imputat kien ftit tal-hin qabel flimkien ma' shabu hareg minn stabiliment tal-ikel fejn kienu mistedin ghall-ikla tal-ahhar tas-sena mill-imghallem taghhom. Jirrisulta mill-istqarrija minnu debitament u legalment rilaxxjata lill-pulizija appena gurnata wara l-incident, kif ukoll mill-provi, li l-incident gara fuq il-karreggjata opposta ta' fejn kien qed isuq l-imputat ma' vettura misjuqa minn terz li kienet qeghdha tinstaq fuq din il-karregjata opposta. L-imputat sostna f'din l-istqarrija tieghu: li kien ghaddej b'xi 30 kilometru fis-siegha; li mal-liewa l-karozza 'skiddjatlu'; li spicca fuq il-karregjata opposta minn fejn kienet gejja l-vettura l-ohra; li din il-vettura kienet vicin wisq biex seta' jiehu azzjoni evaziva. Sostna wkoll f'din l-istqarrija tieghu li ma kienx xurban.

Illi, pero', l-fatti u l-provi jixhdu l-kuntraju ghal dak li stqarr l-imputat. Fil-fatt jirrisulta fic-car li l-imputat kellu velocita ta' 37 kilometrufis-siegha hu u jimmanuvra l-liewa u li kellu livell ta' alcohol fid-demm vicin id-doppju tal-livell konsentit. Hija 'res ipsa loquitur' ir-responsabilita' tal-imputat ghall-kollizjoni li sfat mal-vettura l-ohra li giet dannegjata, ghalkemm ma giex akkuzat b'dan, u l-feriti serji riportati minhabba f'dan l-incident. Li anka li l-imputat kien qieghed isuq fil-limiti tal-velocita' konsentita ma jezimihx mir-responsabilita' stante illi s-sewqan ghandu invarjabilment jigi addattat ghac-cirkostanzi u l-konfigurazzjoni tat-triq. Fi kliem l-espert tekniku rrizulta b'mod lampanti li [l-imputat] kien qieghed isuq il-vettura tieghu b'velocita' gholja wisq ghal dik il-liewa fejn gara [b'dan] illi hu ma setghax jikkontrolla l-vettura tieghu meta hu kien qed idur mal-liewa imsemmija".

Ukoll, hija wisq cara l-prova li l-imputat kien qieghed isuq taht l-inflwenza ta’ xorb alkholiku bil-wisq fuq il-limitu konsentit.

Dwar il-griehi jirrisulta li tal-passigier li kien biswit l-imputat fuq quddiem tali huma gravi kemm ‘per natura’ (ksur) u ‘pro tempore’(zmien ta’ fejqan). Tal-persuna fil-vettura l-ohra, Sandra Margaret Borg jirrisultaw serji biss mic-certifikat mediku in atti. Filwaqt li dehret quddiem il-Qorti hi ddikjarat li konsegwenzi minhabba l-incident ma kellix. Dwar il-passigier l-iehor li kien fuq wara l-vettura tal-imputat hu xehed li ma sofra l-ebda griehi. Fil-kuntest tac-certifikati medici li jinsabu ezebiti in atti fl-ebda stadju ma jinsabu konfermati

Ghaldaqstant mill-provi li ghandha l-Qorti qeghdha ssib l-imputat hati ta’ l-ewwel u r-raba akkuza. Tilliberah mill-bqija stante nuqqas ta’ provi. Rat l-Artikolu 216, 226 u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 15B u 15H tal-Kap 65. Tikkundannah multa komplessiva ta’ elf u hames mitt euro u tissospendih milli jkollu jew jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mill-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------